MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 31

It-Tlieta, 28 ta' Novembru, 2017

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fis-13:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Franco Buhagiar– Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
James Grima – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 31.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

31.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

31.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 31.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

31.2.1 Is-Sindku qal li rigward l-applikazzjoni għall-nominazzjoni tas-Sur Lawrence Cauchi għall-premju tal-moviment Kerygma, din is-sena huwa ma kienx involut fi proġett partikolari u għalhekk ma stajniex nipproċedu bl-applikazzjoni tan-nomina.

31.2.2 Is-Sindku qal li l-proġett tat-*telephone box* li se tinbidel f'librerija għadu ma kienx hemm żvillupp fuqu. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) kompliet tgħid illi għamlet diversi attentati sabiex tikkuntatja lil xi ħadd mill-Planning Authority għall-risposta pero s'issa għadha ma irċiviet xejn.

31.2.3 Is-Sindku informali ftit tal-ġranet ilu, kien hemm xi gazzetti li ġabu xi rimarki fuq il-Kunsill ta' San Lawrenz rigward applikazzjoni għall-permess tal-imwejjed u siġġijiet u żieda fid-dawl fi stabilment fid-Dwejra.Il-Kunsill ħass li dawn il-kummenti kienu nġusti u allura wara diskussjoni sar qbil li tintbagħat ittra lis-Segretarju tal-Bord tal-Planning Authority sabiex niċċaraw il-pożizzjoni tal-Kunsill.

31.2.4 Is-SE qalet li waslet emejl mill-Gozo Tourism Association fejn għall-sena oħra se joħorġu awards għall-ħaddiema tas-sena. Is-Sur Anthony Formosa issuġerixxa li tiġi nominata s-SinjorinaAnnie Formosa. F'dan il-mument is-Sindku talab li joħroġ mill-laqgħa minħabba kunflitt ta' interess. Wara kompliet id-diskussjoni fejn is-Sinjura Annie Formosa ġiet proponuta mit-tieni persuna, mis-Sur Franco Buhagiar. Sar qbil sabiex tiġi nominata għall-*Tourist Worker of the Year Award*.

31.2.5 Is-Sindku reġa ġie msejjaħ biex jidħol lurafil-laqgħa.

31.2.6 Is-SE qalet li fil-ġranet li għaddew hi flimkien mas-Sindku kellhom laqgħa għall-*teleconference* mal-awtoritajiet tat-Transport Malta fejn iddiskutew x'se jkun il-pass li jmiss rigward il-fondi li se ningħataw mill-istess entita' għall-proġett sostennibli li jinkludi fih; il-karozza tal-elettriku, roti tal-elettriku u anke studju dwar is-sostenibilita' fir-raħal. Minn din il-laqgħa ħareġ li għalissa għandna noħorġu t-tender tal-karozza elettrika sakem ningħataw iktar direzzjoni fuq il-bqija tal-proġett. Il-Kunsill qabel li jinħareġ it-tender.

31.2.7 Is-SE qalet li l-Ministeru għall-Għawdex bagħtu emejl b'opportunita' għall-fondi għall-restawr ta' xi post jew monument. Wara diskussjoni sar qbil li napplikaw għall-Monument ta' San Lawrenz fi Triq San Lawrenz.

31.2.8 Is-SE qalet li l-ambaxxatur James Grima se jagħlaq tmintax-il sena fiż-żmien qarib u għalhekk għandu jinħatar ambaxxatur ġdid. Il-Kunsill qabel li jinħareġ l-avviż għal min jixtieq japplika.

31.2.9 Is-SE qalet li skond il-proċeduri, għandha tisejjaħ laqgħa tal-lokalita' sa qabel l-aħħar tas-sena. Il-Kunsill qabel li ssir nhar il-Ħamis, 28 ta' Diċembru 2017 fit-08:00am.

## 31.3 Tweġibiet għall-Mistoqsjiet tal-Kunsillieri

31.3.1 Ma kienx hemm tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

## 31.4 Presepju Ġdid

31.4.1 Is-Sindku qal li hu xieraq li flimkien mas-siġra l-ġdida tal-poinsetti, ikun hemm presepju ukoll. Wara diskussjoni sar qbil fuq prezz u għamla ta' presepju sabiex jiġi armat mill-iktar fis possibli.

## 31.5 Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart

31.5.1 Is-SE ressqet ir-rapport finanzjarju għat-Tielet Kwart. Dan ġie approvat.

## 31.6 Attivitajiet tal-Milied

31.6.1 Is-Sindku qal li hemm opportunita' ta seminar għat-tfal għall-żmien il-Milied, 'Bricks for Kids' fejn it-tfal ta' eta varja jitgħallmu bil-bricks u jieħdu gost ukoll. Il-prezz offrut hu ta' €20.00 għall-kull persuna. Wara diskussjoni sar qbil li l-Kunsill iħallas €10.00 lil kull persuna filwaqt li €10.00 l-oħra jiġu koperti mill-individwi.

31.6.2 Is-Sindku fakkar li fil-8 ta' Diċembru, l-ET il-President ta' Malta se tagħmel il-viżita' tagħha f'San Lawrenz b'rabta mal-Istrina. Wara diskussjoni sar qbil li nuru lill-president it-talenti tar-raħal, għalhekk ġie deċiż li jsir żfin, kanttal-Milied, mill-grupp tal-folk u l-kor Levita Laurentius rispettivament. Ġie deċiż li għandu jinbgħatenvelope f'kull dar sabiex issir ġabra għall-Istrina u tiġi preżentata lill-President.

31.6.3 Ġew deċiżi wkoll id-dati tal-*party* tat-tfal, l-ikla tal-Kunsill għall-istaff u kunsilliera kif ukoll l-ikla annwali tal-anzjani.

## 31.7 Maternity Leave tas-Segretarju Eżekuttiv

31.7.1 Is-SE għamlet referenza għall-fatt li hi se toħrog bil-*maternity leave* fis-sena 2018. Kompliet tgħid li diġa għamlet kuntatt mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv fejn hi ukoll se tgħinħa għal li jista' jinqala.

31.7.2 Is-SE qalet li tul dan iż-żmien ta' *maternity leave*, hu importanti li l-unika skrivana tal-Kunsill, Carmen Micallef tkun fuq full time basis. Il-Kunsill qabel.

## 31.8 Għażla tat-Tenders*: Laying of Hot Asphalt Wearing Course Along Part of Triq il-Wileġ* u *Services of Open Skip in the Locality*

31.8.1 Is-SE għamlet referenza għall-fatt li fl-opening tat-tender ta'*Laying of Hot Asphalt Wearing Course Along Part of Triq il-Wileġ*', iż-żewġ offerti qabżu l-baġit li prepara l-Kunsill. Sar qbil li ma tintgħażel l-ebda offerta minnhom.

## 31.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

31.19.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif preżentati mis-SE.

# 31.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

31.10.1 Il-laqgħa intemmet fl-16:00 u ġiet aġġornata għall-28 ta' Diċembru 2017 fit-08:30.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv